# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D

**Rikors Guramentat: 107/2017MH**

**Illum 10 ta' Marzu, 2017**

**E. Grech Cristal Bath Limited (C13298)**

**Vs**

**Grech's Limited (C1863)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors presentat fit-3 ta' Frar, 2017 fejt gie sottomess;

*"1. Illi s-socjeta` rikorrenti, E. Grech Cristal Bath Limited, kienet hadment xi xogholijiet ta' natura strutturali lis-socjeta` intimata, Grech's Limited;*

*2. Illi s-socjeta` intimata kif debitament rapprezentata mill-mejjet Vincet Grech, ikkostitwixxiet ruhha bhala debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u hamsin euro u wiehed u disghin centezmu (€29,253.91) permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Frar 2009 quddiem in-Nutar Sharon Zammit Fiorentino (anness u mmarkat bhala D 'Dokument EGC11');*

3. *Illi oltre s-socjeta` rikorrenti tgawdi minn privileggi specjali* ex lege *skont l-Artikolu 2010(b) tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku fit-2 ta' April 2009 (anness u mmarkat bhala 'Dokument EGC2')*

4. *Illi, is-socjeta` intimata ghamlet xi hlasijiet matul is-snin u nfatti skont l-ahhar statement of account mahrug mis-socjeta` rikorrenti l-bilanc dovut huwa ta' sebgha u ghoxrin elf u tmin mija u sebgha u ghoxrin Euro u ghaxar centezmu (€27,827.10) (anness u mmarkta bhala 'Dokument EGC3);*

5. *Illi, dan l-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf u tmin mija u sebgha u ghoxrin Euro u ghaxar centezmu (€27,827.10) huwa cert, likwidu u dovut, pero, is-socjeta` intimata Grech's Limited baqghet inadempjenti;*

6. *Illi, sa fejn taf is-socjeta` rikorrenti, is-socjeta' intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet tal-istess socjeta rikorrenti u ghalhekk jezistu r-ragunijiet kollha skont il-ligi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipprocedi ghad-decizjoni bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, tghid is-socjeta` intimata ghaliex din l-Onorabbli qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna s-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u tminn mija u sebgha u ghoxrin Euro u ghaxar centezmu (€27,827.10) skont skrittura privata riferita hawn fuq".*

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017, l-intimat meta msejjah ma deherx ghalkemm debitament notifikat;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

Tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta intimata biex thallas lis-socjeta attrici s-somma sebgha u ghoxrin elf u tmin mija u sebgha u ghoxrin Euro u ghaxar centezmu (€27,827.10) rapprezentanti l-bilanc dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti flimkien ma' l-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

John Muscat
Dep. Reg.